MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru 1253/2013

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**KIERAN VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kieran Vella ta’ 23 sena, bin John u Rita nee’ Caruana, mwieled fit- 13 ta’ Awwissu 1990, residenti Blanzun, Triq il- Qrempuc, M’Skala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 384890M;

Talli f’ dawn il- gzejjer fil- lejl bejn l- 20 ta’ Dicembru 2013 u l- 21 ta’ Dicembru 2013;

1) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il- persuna ta’ persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwicci fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjon tal- ligi jew ta’ ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostnazi ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

4) Aktar tlli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 488 Emanuel Cilia sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

5) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

6) Kif ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku kien fi stat ta' sakra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qieghed Paceville ma' xi hbieb tieghu fil-lejl in kwistjoni, bi flixkun tal-ilma f'idejh, miftuh u minghajr it-tapp, miexi fit-triq. F'hin minnhom waqt li kien hekk miexi habat f'ufficjal tal-Pulizija u xarrablu l-gakketta. Gie mistoqsi mill-istess ufficjal ghalfejn ghamel hekk, u xejjer daqqa b'idu lejn id-direzzjoni tal-Pulizija, li minhabba f'hekk laqat lill-Pulizija u tajjarlu l-beritta minn fuq rasu.

Huwa gie arrestat, ittiehed l-ghassa tad-distrett ta’ San Giljan, u aktar tard tressaq il-Qorti b’dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti, jidher li l-kontestazzjoni hi li dan kien biss incident u “misunderstanding”, kif ighid l-imputat, mentri l-Pulizija tghid li Vella hebb ghalihom intenzjonalment. Il-Qorti semghet kemm il-verzjoni tal-Pulizija involuti fil-kaz, kif ukoll dik tal-imputat u tal-hbieb tieghu, u tasal biex temmen il-verzjoni tal-ufficjali tal-Pulizija aktar minn dik tal-imputat. Dan qed jinghad mhux ghax il-Pulizija huma ufficjali pubblici, u allura ghandhom igawdu minn xi axxendent ta’ kredibilita’. Dan qed jinghad ghax mill-istqarrija stess tal-imputat, jidher li kien hemm argument shih bejnu u bejn il-Pulizija jaghmlu xogholhom. F’dik l-istqarrija hu jirreferi darbtejn ghal ufficjal li kien qieghed “jikkummiedja”, u ghalkemm cahad li lill-Pulizija ghajjarhom kummidjanti, jidher li din il-espressjoni lissinha hu liberament. Huwa evidenti ghall-Qorti li l-imputat naqas mir-rispett ghall-Pulizija.

L-incident innifsu huwa wiehed kwazi banali u infantili. L-imputat, kif gia’ inghad, kien miexi fi triq f’Paceville bi flixkun tal-ilma f’idu. Dan kien ghadu kemm xtrah, u ma thalliex johrog bih maghluq, allura t-tapp tal-flixkun kien miftuh. L-imputat, hekk kif kien miexi fit-triq, ighid testwalment fl-istqarrija tieghu li “qisni hbat ma pulizija u l-flixkun habat ma sider wiehed... Hu hass li kienet xi tip ta’ offiza,... jiena ma kellix ghalfejn naqla l-inkwiet, qabadni minn ghonqi, jien dak il-hin nehhejtlu idu...” u intervjenew il-Pulizija l-ohra.

Li kieku l-imputat skuza ruhu mal-Pulizija ghall-incident tal-flixkun, kieku probabbilment l-istorja kienet tieqaf hemm. Izda peress illi l-imputat irreagixxa billi xejjer idu lejn l-istess Pulizija u tajjarlu l-beritta minn fuq rasu, hemmhekk kellha tintuza l-forza biex l-imputat jigi mrazzan u jittiehed l-ghassa. Anzi, il-Qorti hija propensa temmen li l-imputat apposta ghafas il-flixkun, biex ixarrab lill-Pulizija, u tawwal ilsienu mieghu ghal xejn b'xejn.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel erba' imputazzjonijiet gew ippruvati b'mod soddisfacenti mill-Prosekuzzjoni. Il-ksur ta' buon ordni u paci pubblika, u l-istat ta' sakra tal-imputat, ma gewx pruvati. Kwantu ghall-piena, il-Qorti ma tistax taccetta li Pulizija li qed jaghmlu xoghlhom jigu attakkati b'mod ta' zuffjett kif gew mill-imputat. Huwa agir totalment inaccettabbli u kundannabbli li l-Pulizija jisfaw l-oggett ta' attakki minn persuni gewwa Paceville. Ghalhekk il-Qorti sejra timponi piena ta' prigunerija, li pero' mhix ser tiddahhal fis-sehh ghall-perijodu skond il-ligi, biex din isservi ta' taghlima lill-imputat li ma jergax jaghmel xi bravata bi ksuhat bhall din.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(ee), 339(d), 338(dd), 338(ff), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet, u ghalhekk tilliberah minnhom;

Issibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni, u tikkundannah piena ta’ erba’ (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena, ai termini tal-Artikolu 28° tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------